IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2021
COM(2021) 683 final

2021/0356 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/004 ES / Aragón automotive

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stipulati fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament dwar il-FEG).

2. Fis-26 ta' Lulju 2021, Spanja ppreżentat applikazzjoni EGF/2021/004 ES/Aragón automotive għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji fis-settur ekonomiku kklassifikati fid-Diviżjoni 29 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fir-reġjun ta' livell NUTS 2 ta' Aragón (ES24) fi Spanja.

3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2021/004 ES/Aragón automotive
Stat Membru	Spanja
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS[2] 2)	Aragón (ES24)
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	is-26 ta' Lulju 2021
Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	l-4 ta' Awwissu 2021
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	id-9 ta' Awwissu 2021
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	it-30 ta' Awwissu 2021
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	l-10 ta' Novembru 2021
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG
Għadd ta' intrapriżi kkonċernati	50
Settur(i) tal-attività ekonomika (Diviżjoni NACE Reviżjoni 2)[3]	Diviżjoni 29 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers)
Perjodu ta' referenza (sitt xhur):	Mill-1 ta' Novembru 2020 sal-1 ta' Mejju 2021
Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza	592

[1] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

[3] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

(*a*)	
Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (*b*)	460
Għadd totali ta' sensji (*a + b)*	1 052
Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	1 052
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	320
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	1 600 280
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG[4] (EUR)	52 500
Baġit totali (EUR)	1 652 780
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)	1 404 863

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Spanja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2021/004 ES/Aragón automotive fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji tal-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-FEG, fis-26 ta' Lulju 2021[5]. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni fl-4 ta' Awwissu 2021 u talbet informazzjoni addizzjonali mingħand Spanja fid-9 ta' Awwissu 2021. Tali informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien 15-il jum tax-xogħol mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum tax-xogħol mir-riċevuta tal-applikazzjoni kompluta li fihom il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fl-10 ta' Novembru 2021.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tirrigwarda 592 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-diviżjoni 29 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) li jinsabu fir-reġjun ta' livell NUTS 2 ta' Aragón (ES24).

Intrapriżi u għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza			
Adieconti S.L.	11	Lear Corporation Asientos S.L.	26
Adient Automotive S.L.	4	Lecitrailer Post Venta Zaragoza S.L.	1
Adient Seating Spain S.L.	7	Lecitrailer S.A.	1
Af Aftermarket Iberica S.L.	1	Magna Automotive Spain S.A.U.	2
Android Industries Zaragoza S.L.	13	Mahle Behr Spain S.A.	1
Arcelormital Tailored Blanks Zaragoza S.L.	1	Majorel Sp Solutions S.A.U	2
Carrocerías Moncayo S.L.	1	Mann-Hummel Iberica S.A.	63
Carrocerías Vicam S.L.	1	Modulos Ribera Alta S.L.U.	1
Carrocerías Vicente Salomon Sanz S.L.	2	Opel España S.L.U.	181
Casting Ros S.A.	1	Proma Hispania S.A.Ad	5
Celulosa Fabril S.A.	1	Remolques Jalon S.L.	1
Cooper Estándar Automotive España Slu	11	Rhenus Automotive Systems Zaragoza	2
Copo Aragón S.L.U.	1	Rigual S.A.	2

[4] F'konformità mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691.

[5] Il-limitu ta' żmien ta' 12-il ġimgħa ġie sospiż bejn it-30 ta' April 2021 u t-3 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/691.

Intrapriżi u għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza			
Copo Zaragoza S.A.	11	Ronal Iberica S.A. Unipersonal	4
Dana Automoción S.A.	11	Schmitz Cargobull Iberica S.A.	1
Faurecia Automotive España S.A.	1	Seguridad De Servicio Movil S.L.	18
Faurecia Sistemas de Escape	2	Talleres Emilio Montañes S.A.	1
Flexngate Aragón S.L.	3	Ti Group Automotive Systems S.A.	61
Gestamp Aragón S.A.	4	Traf Automotions S.L.	2
Gestamp Manufacturing Autochasis S.L.	2	Tristone Flowtech Spain S.A.	1
Icer Brakes S.A.	2	Union Tecnológica del Automóvil S.L.	3
Ilunion Servicios Industriales Aragón S.L.	11	Valeo Térmico S.A.	75
Ilunion Servicios Industriales S.L.	1	Zanini Epila S.L.	11
Insonorizantes Pelzer S.A.	7	ZF-Aftermarket Ibérica SL.	1
Kdk-Dongkook Automotive Spain S.A.	15	Zfoam España SL	1
Għadd totali ta' intrapriżi: 50		**Għadd totali ta' sensji:**	**592**
Għadd totali ta' persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet:			**0**
Għadd totali ta' ħaddiema eliġibbli u ta' persuni li jaħdmu għal rashom:			**592**

Kriterji ta' intervent

6. Spanja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien mill-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru. Kien hemm 592 ħaddiem issensjat fid-diviżjoni 29 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers), fir-reġjun NUTS 2 ta' Aragón (ES24).

7. Il-perjodu ta' referenza ta' sitt xhur għall-applikazzjoni huwa mill-1 ta' Novembru 2020 sal-1 ta' Mejju 2021.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien ta' attività

8. Il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkulat mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tal-impjieg jew tal-iskadenza tiegħu.

Benefiċjarji eliġibbli

9. Minbarra l-ħaddiema li diġà ssemmew, il-benefiċjarji eleġibbli jinkludu 460 ħaddiem issensjat qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' sitt xhur. Dawn il-ħaddiema kollha waqqfu l-attività tagħhom fi żmien sitt xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza fl-1 ta' Novembru 2020 u/jew bejn it-tmiem tal-perjodu ta' referenza u l-jum qabel l-adozzjoni ta' din il-proposta. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għat-twaqqif mill-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza.

10. Għaldaqstant, l-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 1 052.

Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien mill-attivitajiet

11. L-avvenimenti li wasslu għal dawn is-sensji huma l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tal-karozzi Spanjol u n-nuqqas ta' semikondutturi.

12. Il-miżuri stretti ta' lockdown implimentati fi Spanja fit-tieni kwart tal-2020 irriżultaw fi tnaqqis ta' attivitajiet u ta' servizzi ekonomiċi mhux essenzjali, li kkawżaw l-għeluq temporanju tal-attività kummerċjali tan-negozjanti tal-karozzi u tal-produzzjoni tal-karozzi.

13. Skont id-*data* minn Confemetal[6] u Anfac[7], il-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq l-attività u fuq il-fatturat tal-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-karozzi fi Spanja, u dan irriżulta fi tnaqqis fil-bejgħ (32,3 %)[8], fil-produzzjoni (18,9 %), u fil-fatturat (11,3 %) fl-2020 meta mqabbel mal-2019, b'konsegwenzi negattivi fuq l-impjiegi u fuq il-likwidità tal-intrapriżi (inadempjenzi tal-pagamenti, aċċess għall-kreditu, eċċ.)[9].

14. Il-produzzjoni naqset għat-tipi kollha ta' vetturi fl-2020.

	2019	2020	Varjazzjoni 20/19 (%)
Karozzi tal-passiġġieri u dawk off-road	2 248 291	1 800 664	-19,9
Vetturi kummerċjali ħfief	524 504	430 616	-17,9
Vetturi industrijali	49 837	36 905	-26,9

Sors: Anfac[10]

15. Matul Jannar-Ġunju 2021, il-produzzjoni tal-vetturi fi Spanja (1,2 miljun unità) kienet għadha aktar baxxa b'21,6 % mill-produzzjoni fl-istess perjodu tal-2019. Il-produzzjoni f'Ġunju 2021 (172 696 unità) kienet aktar baxxa bi 33,8 % meta mqabbla ma' Ġunju 2019 u bi 18,1 % meta mqabbla ma' Ġunju 2020[11].

16. Skont Anfac, in-nuqqas ta' semikondutturi madwar id-dinja qiegħed jagħmel stress addizzjonali fuq is-settur tal-karozzi u qiegħed jikkawża tnaqqis sinifikanti fil-produzzjoni tal-karozzi. Fil-bidu tal-2021, il-kriżi taċ-ċipep kienet mistennija li twassal għal telf ta' madwar EUR 60 biljun fis-settur tal-karozzi. Iċ-ċifra ġiet riveduta 'l fuq għal aktar minn EUR 90 biljun[12]. Is-settur jistenna li din il-kwistjoni tkompli matul l-ewwel nofs tal-2022[13].

17. Il-lockdown u n-nuqqas ta' semikondutturi ġiegħlu l-interruzzjoni jew it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-karozzi fi Spanja[14], u b'hekk il-manifatturi tal-karozzi bdew jużaw skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew bdew jagħlqu temporanjament bil-konsegwenza li kien hemm telf ta' impjiegi[15].

Applikazzjoni tal-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar

18. Fl-applikazzjoni tagħha, Spanja ddeskriviet kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas dwar il-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar. L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li ġew segwiti azzjonijiet biex jiġu antiċipati u ġestiti aħjar il-proċessi ta' ristrutturar u ttieħdu miżuri.

---

6 Confemetal hija l-Konfederazzjoni Spanjola tal-Organizzazzjonijiet tan-Negozju tal-Metall, li tirrappreżenta madwar 220 000 intrapriża u aktar minn miljun u nofs ħaddiem.

7 Anfac hija l-assoċjazzjoni tal-manifatturi tal-karozzi Spanjoli.

8 https://anfac.com/wp-content/uploads/2021/07/Informe-Anual-ANFAC-2020.pdf

9 Confemetal. Il-Bullettin "*Metal en cifras"* nru 199, Lulju 2021

10 https://anfac.com/wp-content/uploads/2021/07/Informe-Anual-ANFAC-2020.pdf

11 https://cincodias.elpais.com/cincodias/2021/07/22/companias/1626961844_041144.html

12 https://www.consultancy.eu/news/6273/global-chip-shortage-costs-automotive-sector-90-billion

13 Ibid

14 Ford, Mercedes-Benz, Renault, Seat, Stellantis Group u Volkswagen

15 https://www.silicon.es/la-falta-de-chips-paraliza-la-industria-automovilistica-espanola-2440494

19. Spanja tenfasizza li l-korpi pubbliċi jimmonitorjaw il-proċessi ta' ristrutturar u jimmaniġġaw talbiet kollettivi għal sensji għalkemm mingħajr kapaċità ta' awtorizzazzjoni/rifjut. Madankollu, dawn il-korpi jistgħu jistabbilixxu programmi li jippromwovu l-ħolqien tal-impjiegi fi sħubija ma' korpi lokali jew korpi pubbliċi-privati (aġenziji ta' riallokazzjoni).

20. Fit-tħejjija għas-sensji, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, is-sħab soċjali, l-intrapriżi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jinvolvu ruħhom fi proċessi ta' negozjar immirati biex jaqblu dwar is-sensji u l-pjanijiet ta' rikollokament li huma obbligu legali għall-intrapriża li tkeċċi 50 ħaddiem jew aktar fl-istess ħin. Il-pjanijiet ta' rikollokament jipprovdu lill-ħaddiema b'assistenza fit-tfittix ta' impjieg, gwida okkupazzjonali u taħriġ. It-tul ta' żmien tal-pjanijiet huwa sitt xhur. Is-servizz pubbliku tal-impjiegi ta' Aragon (INAEM) jipprovdi servizzi ta' riallokazzjoni tal-ħaddiema ssensjati li mhumiex intitolati għall-pjanijiet ta' rikollokament.

21. Bħala parti mill-istrateġija reġjonali dwar l-impjiegi, l-INAEM imexxi varjetà ta' programmi ta' taħriġ, bħal Detecta[16] (taħriġ ikkombinat max-xogħol), taħriġ għall-persuni f'impjieg attiv[17], it-taħriġ tas-CTA[18] (is-CTA huwa ċentru ta' teknoloġiji avvanzati fi ħdan l-INAEM li joffri taħriġ relatat ma' TIC u ma' teknoloġiji awdjoviżivi).

22. Fir-rigward tal-attivitajiet li diġà saru biex jiġu assistiti l-ħaddiema ssensjati, Spanja infurmat li l-INAEM ipprovda lill-ħaddiema b'aċċess għas-servizzi ġenerali tiegħu (appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, konsulenza vokazzjonali u taħriġ - l-aktar marbuta mal-kisba ta' ċertifikati ta' kwalifika vokazzjonali).

Impatt mistenni tal-għoti tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

23. F'Aragón, is-setturi tal-karozzi jirrappreżentaw 2,42 % tal-impjiegi netti u madwar 6 % tal-PDG reġjonali[19].

24. Skont l-Istitut tal-Istatistika ta' Aragón (IAEST), minn Frar 2021 sa Ġunju, l-għadd ta' persuni li qegħdin ifittxu impjieg irreġistrati f'Aragón naqas bi 11 %, minn 85 158 għal 75 578[20]. Madankollu, il-qgħad irreġistrat għadu 26 % ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija (60 000 persuna kienu qed ifittxu impjieg f'Ġunju 2019)[21].

25. F'Ġunju 2021, ir-rata tal-qgħad reġjonali kienet 10,7 %[22] li hija 3,6 pp ogħla mill-medja tal-UE (7,1 %)[23].

26. Mill-persuni kollha li qed ifittxu impjieg f'Aragon, 60 % huma nisa (il-perċentwal jiżdied għal 65 % jekk jitqies biss il-grupp ta' persuni qiegħda fit-tul). Barra minn hekk, 52 % tal-persuni li qed ifittxu impjieg irreġistrati huma qiegħda fit-tul (>12-il xahar), li minnhom 49 % għandhom aktar minn 50 sena[24].

27. Minħabba li 40 % tal-benefiċjarji fil-mira jappartjenu għall-grupp ta' età ta' aktar minn 54 sena u terz tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja huma nisa, is-sensji se

16 https://inaem.aragon.es/sites/default/files/recursos/detecta_ettes_21.pdf
17 https://inaem.aragon.es/cursos-formacion
18 https://inaem.aragon.es/buscador-de-cursos-cta
19 https://caaragon.com/
20 http://www.aragon.es/iaest (Qgħad irreġistrat, Ġunju 2021)
21 https://www.facebook.com/GobAragon/posts/6537004519658572
22 https://datosmacro.expansion.com/paro-epa/espana-comunidades-autonomas/aragon
23 https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Unemployment_statistics
24 http://www.aragon.es/iaest (Qgħad irreġistrat, Ġunju 2021)

jkollhom impatt partikolari fuq dawn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema li diġà huma fi żvantaġġ fis-suq reġjonali tax-xogħol. L-awtoritajiet reġjonali jargumentaw li l-ħaddiema li ngħataw is-sensja se jkollhom bżonn ta' appoġġ addizzjonali u mmirat biex iżidu l-possibbiltà tagħhom li jsibu impjiegi ġodda.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

28. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa 320. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irġiel:	211	(65,9 %)
	Nisa:	109	(34,1 %)
	Mhux binarji	0	(0,00 %)
Grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	31	(9,7 %)
	30-54 sena:	162	(50,6 %)
	Iktar minn 54 sena:	127	(39,7 %)
Livell edukattiv	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas[25]	111	(34,7 %)
	Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell[26] jew postsekondarja[27]	151	(47,2 %)
	Edukazzjoni terzjarja[28]	58	(18,1 %)

Miżuri proposti

29. Is-servizzi personalizzati li jeħtieġ jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu fil-miżuri li ġejjin:

– Informazzjoni ġenerali u sessjonijiet ta' merħba. Is-sessjoni ta' informazzjoni hija l-ewwel miżura li jeħtieġ tiġi offruta lill-benefiċjarji kollha fil-mira u tinkludi informazzjoni ġenerali dwar konsulenza, programmi ta' taħriġ u inċentivi disponibbli. Is-sessjonijiet ta' informazzjoni individwali jinkludu t-

25 ISCED 0-2
26 ISCED 4
27 ISCED 3
28 ISCED 5-8

tfassil tal-profil tal-parteċipant u l-allokazzjoni tal-konsulent li se jakkumpanja lill-ħaddiem matul il-proċess għall-impjieg mill-ġdid.

– Il-gwida okkupazzjonali se tiġi pprovduta permezz ta' sessjonijiet kollettivi u individwali. Il-ħaddiema interessati li jsiru persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu sessjonijiet ta' tutoraġġ, li jistgħu jkopru l-ippjanar, it-twettiq ta' studji ta' fattibbiltà, il-preparazzjoni ta' pjanijiet ta' negozju, għajnuna fl-identifikazzjoni ta' possibbiltajiet ta' finanzjament, eċċ.

– Assistenza intensiva għat-tfittix ta' impjieg. Permezz ta' sessjonijiet ta' darbtejn fil-ġimgħa, il-ħaddiema se jirċievu informazzjoni dwar it-tekniki tat-tfittix ta' impjieg u l-proċessi ta' reklutaġġ. Din il-miżura tinkludi wkoll it-tfittxija attiva għal opportunitajiet ta' impjieg lokali u reġjonali, u t-tqabbil tal-impjiegi.

– Taħriġ. Dan se jinkludi **(1) Taħriġ orizzontali**, bħall-ħiliet personali u l-ħiliet diġitali. **(2) Taħriġ vokazzjonali għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet** għal dawk li jagħżlu li jidderieġu mill-ġdid il-karriera vokazzjonali tagħhom 'il bogħod mis-settur tal-karozzi, bħal-loġistika, l-iwweldjar, l-għodod tal-industrija 4.0 fl-ambjenti tal-produzzjoni (elementi bażiċi, problemi u proċess ta' implimentazzjoni ta' vettura ggwidata awtomatizzata (AGV), ir-realtà awmentata u r-Realtà Virtwali (AR/VR) u COBOTS[29] fil-produzzjoni), jew Lean Six Sigma (ġestjoni tal-proġett). **(3) Taħriġ vokazzjonali għat-titjib tal-ħiliet** biex jiġu indirizzati l-ħiliet mitlubin fis-settur tal-karozzi, bħall-prevenzjoni tar-riskji meta wieħed jaħdem bil-batteriji tal-HEV[30]; l-awtomatizzazzjoni u d-detezzjoni tat-theddid taċ-ċibersigurtà; awditur intern tal-kwalità tal-karozzi; jew l-Għodod Ewlenin tal-AIAG[31], li huma għodod meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' Sistema tal-Ġestjoni tal-Kwalità għall-Industrija tal-Karozzi, u jinkludu l-Pjan Avvanzat għall-Ippjanar u l-Kontroll tal-Kwalità tal-Prodotti (APQP), il-Proċess ta' Approvazzjoni tal-Parti tal-Produzzjoni (PPAP), l-Analiżi tal-Modalitajiet u l-Effetti tal-Ħsarat (FMEA), il-Kontroll tal-Proċess tal-Istatistika (SPC) u l-Analiżi tas-Sistemi ta' Kejl (MSA); eċċ.

– Inċentivi. **(1) Inċentiv għall-parteċipazzjoni**. Il-ħaddiema li jlestu l-miżuri kollha inklużi fil-pjan miftiehem tagħhom għal lura fl-impjieg, se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 500 (EUR 700 għall-parteċipanti b'responsabbiltajiet ta' kura); **(2) Inċentiv għar-rikollokament**. Il-benefiċjarji li jirritornaw għax-xogħol b'kuntratt ta' mill-inqas tliet xhur se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 300. L-inċentiv huwa mfassal biex jinkoraġġixxi l-impjieg mill-ġdid malajr u jistimula lill-ħaddiema anzjani biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol; **(3) Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar**. Il-benefiċjarji jistgħu jiksbu

[29] Il-COBOTS jew ir-robots kollaborattivi huma pjattaformi ta' awtomatizzazzjoni versatili li jistgħu jintużaw għal firxa kbira ta' kompiti mit-tħin u l-illostrar għall-kura tal-magni, l-ittestjar tad-demm jew l-imballaġġ tal-ikel.

[30] Batteriji tal-vetturi elettriċi ibridi.

[31] Il-Grupp ta' Azzjoni dwar l-Industrija tal-Karozzi (AIAG) huwa organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ fejn il-kumpaniji fl-industriji tal-mobbiltà jaħdmu b'mod kollaborattiv biex inaqqsu l-kost u l-kumplessità fil-katina tal-provvista. Is-sħubija fl-AIAG tinkludi OEMs globali bħal GM, Boeing, Toyota, Tesla, Honda, Polaris, Volkswagen, Caterpillar, Nissan, Stellantis, eċċ. u ħafna mill-forniturі tal-parts tagħhom li jinkludu Adient, ZF, Aptive, Bosch, Tenneco, Continental, Magna, Lear, Dana, u Freudenberg, fost l-oħrajn.

rimborż tal-kostijiet tat-trasport pubbliku jew EUR 0,19/kilometru meta jivvjaġġaw b'karozza privata biex jipparteċipaw fil-miżuri.

30. Il-miżuri kienu ppjanati li jkunu konformi mal-Istrateġija Spanjola dwar l-Ekonomija Ċirkolari[32]. It-taħriġ orizzontali dwar il-ħiliet diġitali flimkien ma' xi taħriġ maħsub għal titjib tal-ħiliet/taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet jindirizza r-rekwiżit tat-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-età industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, f'konformità mal-Artikolu 7.2 tar-Regolament dwar il-FEG.

31. Il-pakkett ta' servizzi personalizzati koordinat propost, deskritt hawnhekk, jikkostitwixxi miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan il-miżuri eliġibbli, stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG. Is-servizzi proposti ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

32. Spanja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tissostitwixxi miżuri bħal dawn.

Baġit stmat

33. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 1 652 780, li jinkludu nefqa ta' EUR 1 600 280 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 52 500 għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.

34. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 404 863 (85 % tal-kostijiet totali).

35. Il-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti minn fondi tas-servizz pubbliku tal-impjiegi ta' Aragon (INAEM).

Miżuri	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant *(EUR)*[33]	Kostijiet totali stmati *(EUR)*[34]
Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament dwar il-FEG)			
Sessjonijiet ġenerali ta' informazzjoni u ta' merħba (*sensibilización y acogida)*	320	374	119 680
Gwida okkupazzjonali (*orientación profesional)*	320	800	256 000
Għajnuna intensiva għat-tfittix ta' impjieg (*intermediación laboral y búsqueda de empleo)*	320	1 100	352 000
Taħriġ (*formación)*	260	1 954	508 000

32 https://www.miteco.gob.es/es/calidad-y-evaluacion-ambiental/temas/economia-circular/estrategia/

33 Biex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati ġew ittondjati għal kull ħaddiem. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħal fl-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.

34 It-totali ma jaqblux minħabba li ċ-ċifri ġew ittondjati.

Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	–		1 235 680 (77,22 %)
Benefiċċji u inċentivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG)			
Inċentivi (*incentivo a la participación, a la búsqueda de empleo, y contribución a los gastos de desplazamiento)*	310	1 176[35]	364 600
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:	–		364 600 (22,78 %)
Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar il-FEG			
1. Attivitajiet preparatorji	–		6 000
2. Maniġment	–		2 500
3. Informazzjoni u pubbliċità	–		2 000
4. Kontroll u rapportar	–		42 000
Subtotal (c): Perċentwal tal-kostijiet totali:	–		52 500 (3,18 %)
Kostijiet totali (a + b + c):	–		1 652 780
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali)	–		1 404 863

36. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Spanja kkonfermat li dawn il-miżuri jiddependu mill-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix tal-impjieg jew ta' taħriġ.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

37. Spanja se tibda tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-15 ta' Ottubru 2021. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-15 ta' Ottubru 2021 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

38. Spanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Ottubru 2021. In-nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ottubru 2021 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

39. Spanja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhumiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

[35] Il-kost għal kull parteċipant għal din il-miżura huwa pprovdut għal skopijiet ta' preżentazzjoni biss, peress li l-kost attwali għal kull parteċipant se jiddependi mis-sitwazzjoni individwali ta' kull ħaddiem u mill-eliġibbiltà tiegħu għat-tipi differenti ta' inċentivi.

40. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-UE oħrajn, bħas-servizzi ġenerali ta' rikollokament offruti mis-servizz pubbliku reġjonali tal-impjiegi jew mill-pjanijiet ta' rikollokament.

Konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

41. Spanja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali (UGT[36], CCOO[37], CEPYME[38] u CEOE[39]). L-applikazzjoni ġiet diskussa fil-livell politiku f'laqgħa ta' djalogu soċjali fit-3 ta' Diċembru 2020 u fis-16 ta' Lulju 2021. Fis-26 ta' Ġunju 2021 saret laqgħa teknika. Is-sħab soċjali se jkunu involuti wkoll fl-implimentazzjoni tal-pakkett ta' miżuri, kif għamlu f'każijiet preċedenti tal-FEG relatati ma' Aragón[40]. L-INAEM fittxet il-fehmiet tal-Aragon Automotive Cluster (CAAR) dwar il-ħiliet li hemm domanda għalihom u l-aktar taħriġ xieraq biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn tal-ħaddiema ssensjati fis-settur tal-karozzi.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

42. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jimmaniġġaw u li jikkontrollaw il-Fond Soċjali Ewropew Plus. L-INAEM se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità maniġerjali.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

43. Spanja pprovdiet l-assigurazzjonijiet neċessarji kollha rigward dawn li ġejjin:

– il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,

– ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,

– l-intrapriżi li taw is-sensji, li komplew bl-attivitajiet tagħhom wara s-sensji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom u pprovdew għall-ħaddiema tagħhom skont dan,

– kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,

– il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

44. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom)

36 http://www.ugt.es
37 https://www.ccoo.es
38 https://www.cepyme.es
39 https://www.ceoe.es
40 EGF/2008/004 ES Castilla y León u Aragón Automotive, COM(2009) 150; EGF/2010/016 ES Aragón retail, COM(2010) 615; EGF/2011/017 ES Aragón kostruzzjoni, COM(2012) 290 u EGF/2014/003 ES Aragón ikel u xorb, COM(2014) 456.

Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[41].

45. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament dwar il-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont ta' EUR 1 404 863, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

46. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[42].

Atti relatati

47. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 404 863 għal-linja baġitarja rilevanti.

48. Fl-istess ħin li adottat din il-proposta għal deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju[43]. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

41 ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/11.

42 ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/29.

43 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

2021/0356 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/004 ES / Aragón automotive

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[44], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[45], u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.

(2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093[46].

(3) Fis-26 ta' Lulju 2021, Spanja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji tal-ħaddiema fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE")[47] Reviżjoni 2 Diviżjoni 29 - (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fil-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika ("NUTS") fir-reġjun

---

44 ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

45 ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/29.

46 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, 22.12.2020, p. I/11).

47 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

ta' livell NUTS 2[48] ta' Aragón (ES24) fi Spanja. Din kienet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) Nru 2021/691. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691.

(4) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 404 863 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.

(5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 404 863 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn [*id-data tal-adozzjoni tagħha*]*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[48] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

* Id-data jeħtieġ tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni f'Il-ĠU.